# Il-Ħadd 27.10.2019

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (26-27/10) naqilbu s-siegħa lura għall-ħin tax-xitwa.

2. Illum 27/10, **Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof**:-
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex kulħadd isib postu u nilqgħu lil Dun Noel Vassallo, Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi, li ġej fostna jamministra s-Sagrament tal-Griżma.
   - Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 8 subien u 8 bniet.
   - Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni
   - ***Infakkar li ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.

3. Il-Ġimgħa 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies. Il-ħin tal-Quddies ikun bħas-soltu.
   - Isir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm – Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa.
   - Fis-7:00pm – Adorazzjoni li tagħlaq bil-barka Sagramentali.

4. Is-Sibt 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:
   - Filgħodu: il-quddies ikun f'dawn il-ħinijiet: Fis-7:00am u fit-7:45am.
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu tul din is-sena.
   - Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-5:00pm.

5. Il-Ħadd 3/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     ***Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm, u f'każ ta' maltemp ssir fil-knisja.***

6. Avviżi oħra:-
   - Mit-Tnejn 28/10 filgħaxija, u matul Novembru, tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali, fil-ħinijiet tiegħu - jiġifieri bejn id-9:00am u l-11:00am, u bejn l-4:30pm u s-6:00pm - biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2020 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 400 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Missjonijiet.
   - € 300.90 mill-Lotterija u l-Bazaar li saru bl-istess għan.
   - € 1,116.60 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes.
     *Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni, jekk jogħġbu jġibu u jitfgħu fl-offerti matul din il-ġimgħa sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom.*
   - € 250 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.